MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 501/2010

**Middlesea Insurance p.l.c. (Reg. Nru C 5553) kif surrogata bil-Ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' Vivian Corporation Limited (Reg. Nru. C 68)**

**Vs**

**(1) Valletta Gateway Terminals Limited (Reg. Nru C 38888)**
**(2) H. Mifsud Shipping Limited (Reg. Nru C 43998)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dawk konvenuti, jew liema minnhom, jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef mitejn u tnejn u erbghin Euro (€10,242.00), liema somma giet imhallsa mis-socjeta' attrici lill-assigurata taghha, Vivian Corporation Limited (Reg. Nru. C 68), in konnessjoni ma' nuqqasijiet

sofferti mill-istess assigurata Vivian Corporation Limited (Reg. Nru C 68), liema nuqqasijiet jikkonsistu f'nuqqasijiet ta' merkanzija minnha mportata gewwa l-*container* numru TTNU 279502/8, fuq il-bastiment m/v Carolina (Voyage no. 339/09/CRN/MAL) li wasal f'Malta fis-26 ta' Novembru, 2009; dan skont il-Bill of Lading numru 879/09/NAP/MAL.

Il-konvenuti jew liema minnhom, ihallsu wkoll lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija tlieta u sebghin Euro u ghoxrin centezmu (€873.20) spejjez inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-*survey* li sar a rigward in-nuqqasijiet surriferiti.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data li sar il-hlas lill-assigurata, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetajiet konvenuti, jew liema minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta 'Valletta Gateway Terminals Limited' (C 38888) (fol 4 et seq ibid) u li biha eccepew ir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna, in kwantu promossa permezz ta' avviz kif jidher mill-att promotur innifsu, hija nulla stante li ai termini tal-artikolu 125(2) tal-Kapitolu XII fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) il-procediment ordinarju fil-kontenzjuz ghandu jitmexxa b'rikors;
2. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzjoni ghas-suespost, it-talba tas-socjeta rikorrenti hija preskritta ai termini tal-artikou 29(a) tal-Kapitolu 352 gja enumerat artikolu 65(a) tal-istess Att qabel l-emendi introdotti bl-Att XV of 2009;
3. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu diretti kontra s-socjeta esponenti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti u dana peress li n-nuqqasijiet fil-merkanzija allegata mis-socjeta' assikuratrici rikorrenti, jekk kemm-il darba tirrizulta, ma sehhitx b'xi htija imputabbli lis-socjeta' esponenti li qdiet il-funzjoni taghha skond il-ligi meta l-merkanzija kienet fil-kontroll taghha;

4. Illi inoltre meta tnizzel il-container in kwistjoni minn fuq il-bastiment MV Carolina kien issiggillat kif jirrizulta mit-tally sheet relattiva (Dok A) u r-rilaxx tal-istess container sar b'Gate Pass-Out nadifa (Dok B);
5. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suesport is-socjeta' rikorrenti ghandha ggib prova tad-dannu minnha allegatament subit;
6. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta l-ohra (fol 12 tal-istess atti) u li biha esponew bir-rispett:

Illi bhala fatt s-socjeta eccipjenti agixxiet biss u unikament bhala agent tal-valur m/v Carolina u konsegwentement mhijiex responsabbli ghan-nuqqasijeit li allegatament avveraw ruhhom mill-container in kwistjoni u lanqas jista' jinghad li nholoq rapport dirett bejn is-socjeta' eccipjenti u l-istess socjeta attrici jew l-imsemmija speditrici tal-merkanzija Vivian Corporation Ltd meta nghata l-inkariku sabiex tingarr il-merkanzija abbort l-imsemmi bastiment. Kwindi s-socjeta' eccippjenti mhijiex il-legittimu kuntradittur.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma f'kull kaz infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2011 (fol 15 ibid) minn fejn jirrisulta illi s-socjeta' 'Valletta Gateway Terminals Limited' irtirat l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessi minnha.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali n-noti rispettivi tal-partijiet in rigward it-tieni (2) eccezzjoni maghmula mis-socjeta' 'Valletta Gateway Terminals Limited' (ara fol 4 tal-atti) u li tirreferi ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni in esami.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza ser tittratta u tiddeciedi t-tieni (2) eccezzjoni proposta mis-socjeta' 'Valletta Gateway Terminals Limited' u li tghid li l-azzjoni in esami hi

preskritta a bazi tal-artikolu 29(a) u (b) tal-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta’ Malta gja artikolu 65(a) qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XV tal-2009. Hawnhekk jinghad li, minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull ligi ohra, ebda azzjoni ma tista’ tittiehed kontra l-Awtorita’ jew kuntrattur taghha dwar ir-responsabiltajiet taht l-Att ossija Kapitolu msemmi ghal xi telf jew hsara, li ssir lil oggetti jew hwejjeg ohra, huma x’inhuma, abbord bastiment kemm il-darba ma tinghatax talba bil-miktub lill-Awtorita jew kuntrattur taghha mhux aktar tard minn sitt (6) xhur minn meta l-istess oggetti kienu accettati mill-Awtorita jew kuntrattur, sakemm ma jigix estiz l-istess terminu u l-azzjoni ma tinbediex fi zmien tnax-il (12) xahar mill-istess data.

Illi, dwar l-istess eccezzjoni in esami giet prodotta sabiex tixhed Doreen Curmi (fol 16 u fol 29 et seq ibid) inkarigata mid-dipartiment legali u ‘claims’ tas-socjeta li pproponiet l-istess eccezzjoni. Din bdiet billi qalet li din is-socjeta’ nghatat l-inkarigu u l-koncessjoni minn ‘Trasport Malta’ sabiex topera t-‘terminal’ tal-Port il-Kbir (ara l-estratt ta’ din il-koncessjoni a fol 31 ibid). Kif jidher mill-istess estratt, din is-socjeta’ hi deskritta bhala ‘operator’ vis-à-vis ‘Cargo Handling Services’ fil-Port imsemmi. Ix-xhud kompliet tghid illi, meta jigi sbarkat ‘container’ fil-Port, l-istess socjeta ghandha ‘tally clerks’ inkarigati li jirredigu t’-tally sheets’. Hawnhekk, a fol 18 ibid, il-‘container’ in kwistjoni jinsab ‘highlighted’ u jidher li twassal f’Malta, fuq il-vapur, hemm imsemmi, fis-26 ta’ Novembru 2009. Dwar il-kwistjoni in esami, is-socjeta’ konvenuta rappresentata minnha saret taf, biha, meta giet notifikata lili l-istess avviz fit-2 ta’ Dicembru 2010 (ara fol 8 ibid ‘a tergo’). Dwar dan hi testwalment, qalet illi ’Qabel l-avviz in esami … ahna ma rcevejna xejn abbazi ta’ dan l-Artikolu’ citat fl-eccezzjoni in esami.

Ikkunsidrat

Illi, dwar din l-eccezzjoni, il-Qorti tirrileva illi:-

a) Ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi s-socjeta’ ‘ Valletta Gateway Terminals Limited’ inghatat il-koncessjoni skond il-ftehim citat maghmul u miftiehem ma

‘Transport Malta’ sabiex tagixxi bhala ‘cargo handler’ fl-imsemmi Port. Ghalhekk, ghal kull effett u fini fil-ligi applikabbli, din is-socjeta’ ghandha tigi konsiderata bhala ‘kuntrattur’ skond l-artikolu 29(a) u (b).

b) Dan jfisser illi sabiex tkun tista’ tigi intavolata azzjoni bhal dik in esami, din ghandha tigi preceduta minn talba bil-miktub li trid tinghata lill-kuntrattur mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data specifikata fl-artikolu msemmi u li jibdew jiddekorru minn meta l-oggetti kienu accettati u ikkonsenjati lill-istess kuntrattur.

c) Fil-kaz in desamina din it-talba bil-miktub ma saritx anzi jidher li kull ma sar kien li jigi intavolat l-avviz in esami.

Illi, ghalhekk, jidher li l-eccezzjoni in esami ghandha tigi akkolta fil-konfront tas-socjeta li ssottomettiet din l-eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni in esami u tiddikjara l-azzjoni in esami bhala estinta fil-konfront biss tas-socjeta’ ‘Valletta Gateway Terminals Limited’ waqt li ghandha titkompla fil-konfront tas-socjeta’ ‘ H Mifsud Shipping Limited’.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------